# TILFU RODI U GEW MALTA

*Minn Mons. Prof. A. Bonnici*

**Sewwa sew bħal-lum 446 sena ilu, il-Grammastru Filippu Villiers de L'Isle-Adam daħal sollennement fl-Imdina, wara li ngħata l-pussess tagħha bħala l-ewwel Grammastru mexxej ta' Malta.**

**Dal-Grammastru Franċiż kien inħatar f'Rodi fit-22 ta' Jannar 1521. Sena u nofs wara, dik il-Gżira ġie assedjata bl-aħrax mis-Sultan Tork, il-Kbir Soliman II, b'eżerċitu l-aktar qawwi. Il-Grammastru talab l-għajnuna lill-Prinċpijiet insara taż-żmien; iżda dawn ma waslux biex jagħtuh l-għajnuna li talab. Għalhekk, wara ħafna ħbiet aħrax mit-Torok u difiża l-aktar valoruża mill-Kavallieri tal-Ordni u n-nies tal-post, b'tixrid kbir ta' demm, l-Ordni kellu jċiedi.**

Soliman ittratta magħhom tajjeb ħafna, għax għaraf u apprezza l-qlubija tagħhom; u fil-bidu ta' Jannar 1523, huwa ħalla l-Korp tal-Ordni flimkien ma' xi 5,000 ruħ minn Rodi jerħu l-Gżira, wara ħakma ta' 213 il-sena.

Il-Kavallieri waqfu l-ewwel f'Kandja, imbagħad f'Messina, Viterbo, Corneto u Nizza. Wara ħafna ġiri, il-Papa Klement VII talab l-Imperatur Karlu V jagħtihom il-Gżira ta' Malta, biex jieqfu u jgħammru fiha bħala l-Kunvent tagħhom. Malta, dak iż-żmien, flimkien ma Sqalija kienet tagħmel parti mid-dominju spanjol taħt l-Imperatur. Dan qata' xewqat il-Papa u, fl-24 ta' Marzu 1530, iffirma l-att ta' konċessjoni f'Castel Franco fil-Bolognese.

### IL-KUNDIZZJONIJIET TA' L-IMPERATUR

Fost il-kondizzjonijiet kien hemm li l-Imperatur jibqa' jżomm il-jedd ta' l-ogħla sovranita' fuq Malta; li l-Ordni ma jagħmilx gwerer ma' Sqallija, immexxija mill-Viċi Re; u li, meta tvaka s-Sedi Veskovili tal-Gżira, l-Ordni kellu jipproponi tliet ekkleżjastiċi (wieħed minnhom sudditu tas-Saltna Sqallija lill-Imperatur jew Rappreżentant tiegħu, u dan jagħżel wieħed minnhom u jippreżentah lill-Papa ħalli jagħtih in-nomina.

L-għotja ta' Malta ġiet formalment aċċettata mill-Ordni fil-25 ta' April, għalkemm il-Gżira ma tantx għoġbot lill-Kavallieri u għall-bidu, kienu jittamaw li jmorru band'oħra. F Gunju ġew Malta żewġ Kummissarji rappreżentanti tar-Re u taw pussess tal-Gżira lill-żewġ Kavallieri rappreżentanti tal-Ordni. Dawn flimkien ma' 7 membri tal-Kunsill Popolari Malti ħadu l-ġurament ta' fedelta' lejn l-Imperatur. Il-Vigarju tal-Isqof u l-Arċidjaknu ħadu huma wkoll dak il-ġurament f'isem il-Kleru Malti.

In-Nobbli Alvaro Nava ċeda lill-ordni l-Kastell S. Anġlu, li kien wirt ta' dik il-familja, bi ħlas ta' pensjoni.

F'Awwissu tal-istess sena, waslet Malta il-"Caracca", ix-xini ewlenija u qadima tal-Ordni, b'ammunizzjonijiet tal-gwerra u materjal għall-bini, u magħha bastimenti Maltin bil-qamħ u ħwejjeġ tal-ikel. Waslu wkoll ħafna Kavallieri u Rodjoti.

Fis-26 ta Ottubru, daħlu fil-Port il-Kbir 3 xwieni sbieħ tal-Ordni — is-"Santa Croce", is-"San Filippo" u s-"San Giovanni". Fuq waħda minnhom kien hemm il-Grammastru L'Isle Adam.

Għall-wasla tiegħu l-Maltin ħejjew pont max-Xatt tal-Birgu, quddiem il-knisja ta' San Lawrenz, li kienet il-parroċċa, biex minn fuqu seta' jgħaddi mix-xini għax-xatt.

### FIL-KNISJA TA' SAN LAWRENZ

Kif niżel minn dak il-pont, il-Grammastru baqa' sejjer dritt fil-Knisja, Hemm ġie milqugħ mill-Kappillan Filippo De Guevara u mill-Kleru. Naħseb li l-Grammastru u l-Kappillan ferħu bil-koinċidenza tal-istess isem tagħhom "Filippo" u li mhux 'l bogħod minnhom kien hemm ukoll ix-xini bl-isem tal-istess qaddis. Il-Grammastru radd il-ħajr 'l Alla għall-wasla tiegħu hemmhekk u l-Kbarat resqu jbusulu jdejh. Minn hemm mar ġo l-Kastell Sant' Anġlu li kien se' jservi bħala Palazz Maġistrali, filwaqt li l-Knisja ta' San Lawrenz kienet ser isservi bħala Knisja Konventwali tal-Ordni, Fil-Birgu, iżjed 'l quddiem, inbena Sptar u bdew telgħin ukoll il-Bereġ għall-Kavallieri.

Fl-għodwa tal-Ħadd 13 ta' Novembru, il-Grammastru L'Isle Adam telaq mill-Kastell Sant'Anġlu riekeb iżżiemel, akkompanjat mill-Kavallieri Gran Croce, il-Kunsill tal-Ordni u Kavallieri oħra. F'dik l-okkażjoni unika, in-Nobbli Maltin, kollha kemm huma bil-lehja twila, kif kienet id-drawwa taż-żmien (uħud minnhom armati) ingħaqdu ma' dak il-korteo, rekbin fuq ħmir, ta' min libsin l-arniż, ta' min miksija b'tapit lussuż, u ta' min b'xejn. Il-Bosio jfaħħar il-ħmir ta' Malta, imħarrġin fil-mixi bħażżwiemel mhux biss fit-triqat lixxi, iżda wkoll fuq art imħarbta u blat li jiżloq, li bihom kienet imqallba kważi l-Gżira kollha. Ħames mitt raġel, lebsin ilbiesi twal ikkuttunati li jaslu sa taħt irkoppa u brieret kbar li jgħattulhom rashom b'difiża, bix-xwabel u armi oħra — naħseb li dawn kienu s-suldati tad-Dejma Maltija — ħadu sehem mal-Grammastru.

### SALUT MILL-ARTILLERIJA

Meta waslu fuq is-Saqqajja, l-artillerija tat salut lill-Grammastru bl-isparar ta' tiri ta' kanun. Hdejn il-Knisja ta' Santu Wistin, il-Grammastru niżel miż-żiemel, neħħa l-libsa ta' rkib u xedd il-libsa ċivili u maġistrali. Din kienet tikkonsisti f'suttana tal-bellus iswed, b'salib kbir abjad tal-Ordni (bi 8 ponot) fuq is-sider, kullar madwar għonqu u ċinturin kbir tal-ħarir ma' ħżiemu. Fuq dik is-suttana libes mantell kbir tal-bellus iswed li kien jasallu sa riġlejh u jispiċċa b'kuda, bi kmiem wesgħin; f'rasu xedd berritta sewda tal-bellus bi tliet ponot.

Harsu lejh lil dak il-Kavallier bla biżgħa — kif iddeskrivitu Elizabeth Schermerhorn fil-ktieb tagħha "Malta of the Knights" — mimli ħeġġa lejn l-Ordni u l-ideal tiegħu. Arawh twil, ħafif, kollu grazzja, wiċċ delikament sensittiv, b'ħaddejn imqabbżin, imnieħer akwilin u aristokratiku, xagħar abjad imdendel u leħja bajda ratba, suldat u ġentlom, mexxej qalbieni, sultan strett, diplomatku prudenti, missier sinċier — il-bniedem meħtieġ f'dak il-mument kritiku tal-Ordni. Mhux ta' b'xejn tawh ġieħ is-Slaten ta' żmienu u l-Papa Adrijanu VI sejjaħlu "L-Atleta Kbir ta' Kristu".

**(Ikompli fil-paġna 4)**

# TILFU RODI U GEW MALTA

**(Jaqbad mill-paġna 3)**

Sadattant iffurmat ruħha l-proċessjoni mill-Kleru u l-Grammastru mexa taħt baldakkin miżmum mill-Kaptan tal-Virga, il-Gurati u s-"Secreto". Għal min ma jafx, il-Kaptan tal-Virga jew Ħakem kien il-Gvernatur tal-Gżira u President f'kull kawża tal-Maġistrati; Il-Gurati, li kienu erbgħa, kienu jiffurmaw il-Gvern tal-Gżira; is-"Secreto" kien il-kollettur li jiġbor ir-renti u d-dieċmi tas-Sultan.

Il-pittur Antoine Favray ħalliIna kwadru sabieħ ta' din ix-xena. Zmien ilu, riproduzzjoni tal-istess kwadru konna ta' spiss narawha fuq il-bolli. Għandi quddiemi tnejn ta' 2½d, li bagħatli xi ħadd u waħħalni 4 ċenteżmi, għax dawk il-bolli ma għadhomx igħoddu aktar. Ma natiehx tort, għax stajt kont jien li bgħatt xi ittra b'xi bolla qadima mhux valida li nista' nsib moħbija f'xi rokna ta' kexxun.

Il-Grammastru mexa proċessjonalment sa ma wasal quddiem il-Bieb ewlieni tal-Imdina, il-Belt Notabile, kif sejħilha r-Re Alfonsu V ta' Aragona fl-1428 (u mhux fi żmien il-Kavallieri, kif bi żball għidtilkom fl-artiklu dwar il-Palazzi Medjevali). Il-Bieb kien iżjed l-isfel kif wieħed għadu jista' jara fil-foss tal-lemin.

**IL-GURAMENT TAL-GRAMMASTRU**

Skond iċ-Ċerimonjal, dak il-Bieb, dak il-ħin, inżamm magħluq. Meta wasal ħdejh, il-Grammastru waqaf u l-Ewwel Gurat talbu jaħlef li hu jħares il-jeddijiet u l-privileġġi u d-drawwiet leġittmi tal-Maltin. Il-Grammastru qiegħed idejh fuq is-Salib tal-libsa u ħalef li jħarishom. Wara dan ingħatawlu żewġ imfietaħ żgħar tal-fidda, bħala simbolu tal-pussess tal-Belt Kapitali, u l-istess Gurat qralu ndirizz.

Wara nfetħu l-bibien tal-Belt u l-Grammastru mexa lejn il-Kattidral. Il-qniepen daqqew ferħanin u l-artillerija sparat tiri b'tislima lill-Mexxej Gdid. Il-Vigarju tal-Isqof qaddes Quddiesa Kantata, li għaliha assista l-Grammastru mit-tron imtellgħa fuq il-presbiterju. Wara tkanta t-"Te Deum" b'radd ta' ħajr lill-Alla għal dik il-ġrajja importantissima fl-istorja tal-Ordni u ta' Malta.

Wara l-funzjoni tal-Knisja, il-Grammastru ġie meħud flimkien ma' kbarat oħra fid-dar tal-Viċi-Ammirall Mikiel Falzon, fid-dar illum imsejħa Normanna, kif għidna f'artiklu tagħna. Hawnhekk sar pranzu kbir b'ġieħ il-Mexxej il-Gdid ta' Malta. Kif qrajna, dan dam għaxart ijiem jgħammar f'dik id-dar, mnejn ta' l-ħelsien lil ħafna kalzrati, il-maħfra lil xi whud turufnati u l-karita' lill-ħafna foqra, li kienu marru l-Imdina biex jifirħulu għall-inqas bil-preżenza tagħhom.

Dan kollu serva biex b'xi mod ġibed is-simpatija tal-poplu Malti lejn l-Ordni ta' San Gwann u l-Mexxejja ġodda tiegħu.